**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 253 / 12RGM

Kawza fil-lista: 14

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-konjugi Czzewgu fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) fil-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zebbug u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, it-tnejn [illum] maggorenni; Wayne ta' sebgha u ghoxrin (27) sena u Amanda ta' erbgha u ghoxrin (24) sena.

2. Illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u in oltre l-hajja konjugali taghhom saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

3. Illi prezentement il-konvenut qieghed jghix fid-dar konjugali. Illi l-konvenut jahdem izda l-attrici hija pensjonanta.

4. Illi nonostante sforzi kbar da parti tal-attrici sabiex jinthalaq ftehim ta' separazzjoni konsenswali, dan kien kollu inutli u b'hekk b'digriet tal-ghaxra (10)

ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) ir-rikorrenti giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-istess attrici;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f'porzjonijiet skond il-ligi u tiddikjara liema huma l-assi parafernali;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48, 51 u 52 jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-ligi;

5. Taghti kull provvediment iehor opportun;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni konsenswali personali bejn il-kontendenti pero' mhux ghar-ragunijiet imressqa mill-istess attrici izda minhabba ragunijiet ohra uhud minnhom imputabbli solament lill-attrici;

2. Illi l-esponent jaqbel ma' dak miktub fir-rikors promotur ta' martu l-attrici, fis-sens li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, izda dan minhabba li hija l-attrici stess li rrendiet dan z-zwieg impossibbli;

3. Illi mhu veru xejn li l-attrici ghamlet sforz kbir sabiex tintlahaq separazzjoni konsenswali. Kienet l-attrici li ppruvat kemm-il darba tfixxkel ftehim li kien qieghed jipprova jintlahaq. Kienet ukoll l-attrici li rrifjutat kemm-il darba l-ghajnuna li pprova jfittex l-esponenti sabiex jippruvaw jghixu flimkien civilment sakemm jintlahaq ftehim dwar is-separazzjoni. In effetti kienet ukoll l-attrici li riedet tieqaf mit-tentattivi ghal separazzjoni konsenswali u ghazlet li taghmel kawza;

4. Illi dwar it-tieni talba markata numru tlieta, l-esponent ma joggezzjonax li jkun hemm manteniment fiss ghall-martu, kif fil-fatt diga' qieghed jaghti, izda dan wara li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-attrici tahdem ma' diversi persuni minghajr ma tiddikjara li taghmel dan;

5. Illi dwar it-tielet talba mmarkata bin-numru erbgha, l-esponenti indubbjament jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u diviza gustament bejn il-kontendenti, wara li tiddikjara liema huma l-assi parafernali, u li l-istess assi parafernali ghandhom jirrivertu lura lil min jappartjenu;

6. Illi dwar ir-raba' talba (immarkata numru hamsa) din ghandha tigi respinta, u jinghad li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 et. seq. tal-Kodici Civili se mai ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Frar 2013, li permezz tieghu innominat lill-Avukat Ludvic Caruana bhala Perit Legali u lill-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku mahluf fl-4 ta' Lulju 2016.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fis-27 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Alan Saliba waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2016.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha, inkluzi dawk ipprezentati quddiem il-Perit Legali.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat u kkunsidrat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

Fir-rapport tieghu l-abbli Perit Legali ghamel sunt tal-provi saljenti mressqa mill-partijiet intestata "Provi"[1], u tali sunt qed jigi riprodott bhala formanti parti integrali mill-gudizzju odjern.

*"Il-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Dicembru 1981 fil-Kinsja Parrokkjali ta' Haz-Zebbug, Malta.*

1 Fol 330-333

- *Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal llum il-gurnata huma t-tnejn maggorenni.*

- *Skont ma tixhed l-attrici fl-affidavit taghha fil-bidu taz-zwieg il-partijiet marru jghixu go fond bil-kera peress illi l-fond matrimonjali taghhom u cioe' 'Frott il-Hidma', Triq is-Sajf San Martin, Bahrija, kien ghadu mhux fi stat ta' abitazzjoni.*

- *L-attrici tghid illi l-art li fuqha nbniet id-dar inxtrat fit-30 ta' Lulju tas-sena 1976 bil-prezz ta' Lm 400.00*

- *L-attrici tghid illi sakemm twieled binhom il-kbir, u cioe' Wayne, fl-1985, kienu ghadhom fil-post tal-kera u li damu fih sa tlett snin u nofs wara z-zwieg.*

- *Tghid ukoll illi fil-bidu taz-zwieg hija kienet tahdem go fabbrika u kienet tghin lil zewgha l-konvenut fl-ghaiqa. Fl-ewwel xahar miz-zwieg kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb il- finanzi, izda imbaghad beda jiehu hsiebhom il-konvenut u lill-attrici jghaddiiha l-flus ghall-hajja.*

- *Rigward il-bini tal-fond matrimonjali, l-attrici qalet illi dan inbena bl-ghajnuna ta' hut il- konvenut.*

- *L-attrici stqarret illi fil-hajja mizzewga l-konvenut kien jahqarha u li gieli anki refa' jdejh fuqha.*

- *Lejn l-ahhar tal-hajja matrimonjali, kienet Amanda, bint il-partijiet, illi bdiet tiehu hsieb il-finanzi tal-familja, u dan kompla ghen sabiex jizdied id-dizgwid ta' bejn il-partijiet.*

- *Skont l-attrici, il-konvenut jahdem fuq bazi ta' full-*time *bhala security guard mal-gvern u jahdem part-time fl-ghalqa tieghu, u kif ukoll jaghmel xi xoghlijiet ta' manutenzzjoni ghand in-nies. L-attrici qalet li l-konvenut jasal id-dar tard filghaxija, jinhasel, jiekol u jerga' johrog.*

- *Bhala familja, l-attrici tistqarr illi qatt ma siefru flimkien, izda l-konvenut siefer darba wahda ma' siehbu.*

- *L-attrici qalet illi huma spiccaw f kawza l-Qorti ghaliex ma kienx hemm qbil x'kien is- sehem taghha mid-dar matrimonjali.*

- *Xehdu wkoll permezz tal-affidavit Anna Darmanin u Mary Borg, u cioe' hut l-attrici, kif ukoil Rita Seguna l-armla ta' hu l-attrici. Dawn it-tliet xhiedu li*

*jiftakru li wara z- zwieg, il-kontentendi ghamlu tlett snin jghixu f'zewgt ikmamar, ftakru wkoll lill-partijiet jaghmlu l-post matrimonjali wara z-zwieg.*

- *Rita Seguna tiddeskrivi dawn iz-zewgt ikmamar bhala kantina fuq wara tad-dar matimonjali. Qalet ukoil illi zewgha, hu l-attrici, kien ramalhom is-saqaf tat-tieni sular, u li sakemm twieled Wayne, it-tifel il-kbir tal-kontendenti, dawn kienu ghadhom jghixu fil- post tal-kera.*

- *Xehdet ukoll Joan Mizzi li tigi n-neputija tal-attrici, u qalet illi tiftakar lill-kontendenti jmorru joqoghodu fil-post il-gdid, u cioe' fid-dar matrimonjali. Ziedet tghid illi l-attrici kienet il-parrina taghha u hija close ma' kuginitha Amanda, bint il-partijiet. Semmiet ukoil illi Amanda gieli fethet qalbha maghha rigward il-problemi tad-dar, izda ma telaborax dwar dan.*

- *Xehed John Micallef bhala rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u pprezenta kopja tar-returns tal-konvenut ghas-snin 2003 sa 2012 flimkien ma' xi adjustment forms.*

- *Xehed Paul Fava, bhala l-principal tal-pitkalija fi hdan id-Dipartiment tal-Agrikultura u pprezenta dokument immarkat bhala Dok PF fejn spjega li l-konvenut ma jdahhalx xoghol ghandhom. L-attur ipprezenta nota guramentata fejn spjega illi d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernjali tieghu, u li matul iz-zwieg saru biss xi xoghlijiet fiha bhal tikhil u tibjid. L- ghamara li hemm fid-dar inxtrat waqt iz-zwieg.*

- *Il-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit li gie mmarkat bhala Dok AP04 ai fini ta' rikors datat 3 ta' April tas-sena 2013, li kien gie pprezentat minnu stess, u dan sabiex l-attrici tigi ordnata thallas ghall-ispejjez tal-hajja ta' kuljum inkluzi l-kontijiet.*

- *L-attrici pprezentat ukoll affidavit taghha ai fini tal-imsemmi rikors rigward l-ispejjez, tat- 3 ta' April, tas-sena 2013, fejn spjegat li hija qieghda tircevi regolarment il-manteniment ordnat 'pendente lite' u cioe' €150 fix-xahar, kif ukoll pensjoni ta' €177 fix-xahar u li b'hekk it-total tal-introjtu taghha jammonta ghal €327 fix-xahar. Qalet li l-intimat ghandu paga ta' €1,200 fix-xahar u li hija thallas ghail-ispejjez tal-ikel u li ghadha tiehu hsieb id-dar konjugali u proprju ghalhekk illi hi ma kellhiex thallas ghall-ispejjez tal- kontijiet ghaliex tkun f'poizzjoni aghar minn zewgha.*

- *Xehed Giovanni C, hu l-konvenut, u qal illi l-kontendenti ilhom jghixu fid-dar matrimonjali minn ftit wara z-zwieg. Jghid illi hu u l-konvenut kienu ftehmu li jghinu lil xulxin fil-bini tad-djar rispettivi taghhom u li kienu damu jibnu d-dar tal-konvenut madwar sentejn u nofs.*

- *Xehed Carmelo Cli jigi wkoll hu l-konvenut, fejn qal illi meta l-konvenut kellu madwar ghoxrin (20) sena, xtara l-ghalqa li fuqha nbniet d-dar matrimonjali. Qal illi l-ahwa kollha flimkien ghenu lill-konvenut fil-bini tad-dar matrimonjali u dan minghajr hlas. Qal illi l-bini beda madwar is-sena 1980 u li d-dar damet biex tlestiet madwar sentejn u nofs.*

- *Xehed ukoll Alfred Pollacco li kien ihaddem lill-attrici bhala housekeeper mieghu. Qal illi anki l-konvenut gieli kien ghamillu xi xoghol ta' zebgha fid-dar tieghu. Qal illi l-attrici kienet tithallas bir-rata ta' Ewro7 fis-siegha meta kienet tahdem mal-familja tieghu. Stqarr illi gieli kien hemm drabi fejn ma thallsitx tax-xoghol li ghamlet.*

- *Regghet xehdet l-attrici fejn qalet illi meta zzewgu kien hemm biss il-pedament u l-kantina tad-dar matrimonjali. Hija qalet illi l-konvenut beda jtella' l-bini ftit tal-gimghat wara z-zwieg u fil-bidu taz-zwieg huma kienu jghixu f'zewgt kmamar bil-kera. Tghid illi l-annu li hemm imwahhal mal-faccata tad-dar matrimonjali gie mwahhal wara li kienet tlestiet id-dar. Rega' xehed il-konvenut D Cfejn qal illi huwa applika ghall-permess tal-bini fis-sena 1979 izda x-xoghol ta' thammil beda qabel hareg il-permess. Qal illi hu u hutu ghenu lil xulxin jibnu l-proprjetajiet taghhom. Il-konvenut qal ukoll illi huma kienu jibnu wara l-hin tax-xoghol u fil-festi. Wara li zzewgu hu u martu, jikkonferma li peress illi d- dar matrimonjali kienet ghadha ma hix abitabbli, marru jghixu f zewgt ikmamar tal-kugin tieghu izda qal illi ma kinux ihallsu kera. Qal ukoll illi l-annu li ghandhom mal-faccata tad- dar kien twahhal meta t-tifel il-kbir kellu xi seba' jew tmien snin.*

- *Giet ipprezentata ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba, li fiha kkunsidra illi fil-gurnata taz-zwieg tal-partijiet, ix-xoghol ta' bini kien fl-istat li jidher f DOK RT cioe' bil-pjan terran u erba' (4) filati mill-ewwel sular mibnija. il-Perit tekninku wasal ghal din il-konkluzjoni ghas-segwenti ragunijiet:-*

- *Il-Permess markat DOK AP3 hareg fit-23 ta' Mejju tas-sena 1980 u mix-xiehda tal- konvenut jirrizulta li t-thammil kien sar qabel din id-data, madankollu ma jirrizultax li kien sar xi bini qabel il-hrug ta' dan il-permess.*

- *Fi kliem l-istess konvenut, il-bini dam ghaddej sentejn. Dan it-tul ta' zmien huwa ragjonveoli tenut kont li x-xoghlijiet saru wara l-hin tax-xoghol tal-konvenut u hutu, u li fl-istess zmien il-konvenut ghen ukoll lill-istess hutu jibnu d-djar taghhom.*

- *Billi l-permess hareg fit-23 ta' Mejju tas-sena 1980 u l-bini dam sentejn, allura jirrizulta li bini tlesta fix-xahar ta' Mejju 1982.2*

- *Il- Perit Alan Saliba hejja ukoll valutazzjoni tal-benefikati li saru matul iz-zwieg tal-partijiet fuq propjeta' parafernali."*

**Ikkunsidrat**:

**PROVVEDIMENTI LEGALI RELEVANTI**

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili l-iktar rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

**Artikolu 40**

*'Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

**Artikolu 44**

*'Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin.'*

***Artikolu 48***

*'(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*
*(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*
*(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda.*
*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu;*
*(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f'kull kas, li taghtiha manteniment bis-*

2 Pagna 5 tar-rapport tal-Perit tekniku Aian Saliba, punt numru 2.7

*sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*
*L-artikoli imsemmijin fis-sub incis (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi.'*

**Artikolu 51**

*"Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom ighoddu, f'kollox jew bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.'*

**Artikolu 52**

*'Hu mholli ukoll f'idejn il-qorti li tiddeciedi, skont ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija tal-eghmil li jaghti lok ghall-firda.'*

**GURISPRUDENZA**

B'zieda mal-gurisprudenza gja kkwotata mill-abbli Perit Legali, in tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

*'25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*

*- omissis -*

*28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*

Fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni ghal separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti

illi tigi pprovata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta’ xi wahda mill-partijiet.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Falzon vs Paolo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta’ April 1959 gie ritenut li l-applikazzjoni ta’ dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta’ separazzjoni bejniethom, in toto jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta’ eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi. Jiddepend ghalhekk mid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari.

In tema ta' manteniment, il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Catherine Mifsud v Louis Mifsud**, deciz 25 ta’ Ottubru 2013 enuncjat:

*“Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta’ min jitolbu.”*

Imiss issa li din il-Qorti tapplika l-principji su-citati ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Responsabbilta` ghat-Tifrik taz-Zwieg</u>**

Fil-kawza odjerna, l-attrici tattribwixxi l-htija tat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom lis-sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha. Da parti tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg taghhom tkisser b'mod irrimedjabbli, jattribwixxi t-tort lill-attrici. L-attrici tixhed kif kienet tigi maltrattata mill-konvenut. Kien jahqarha, jghajjat maghha u sahansitra tallega illi mhux l-ewwel darba li refa` jdejh fuqha. Tghid ukoll li kemm-il darba hija ghamlet rapporti izda dejjem hafritlu b'rispett tat-tfal.

L-abbli Perit Legali jqajjem numru ta' kwistjonijiet rilevanti u ta’ iewja sabiex il-Qorti tkun tista` tasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tal-firda ta' bejn il-partijiet. Fl-ewwel lok gustament jinnota illi ma sar ebda kontro-ezami tal-affidavit tal-attrici li kien jitratta wkoll il-kwistjoni tar-responsabbilta` ghall-firda. Da parti taghha izda l-attrici ma tellghetx lill-konvenut jixhed in subizzjoni dwar il-firda, u lanqas ikkoroborat l-allegazzjonijiet taghha dwar l-agir aggressiv tal-konvenut u l-ingurji u s-sevizzi li allegatament batiet tahtu. Bhal ma lanqas ma pprezentat rapporti tal-Pulizija jew certifikati medici in sostenn tal-mohqrija u l-aggressjonijiet li allegatament ghaddiha minnhom il-konvenut.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm l-attrici pprezentat nota fis-17 ta' Frar 2015, li fiha ssottomettiet illi tehtieg li tohrog mid-dar matrimonjali u ssib residenza alternattiva minhabba swat u abbuzi ohra, ma jirrizultax li dan effettivament sar, u l-atti processwali kollha sa l-ahhar tal-proceduri jindikaw id-dar matrimonjali bhala r-residenza tal-attrici. Dan huwa indikattiv tal-fatt illi kwalsiasi ingurji illi giet assoggettata ghalihom mill-konvenut, ma kinux ta' gravita` tali li geghluha tallontana ruhha minnu u tfittex residenza ohra.

Da parti tieghu, il-konvenut ma jixhidx dwar il-kawza tal-firda ta' bejniethom. Jidher li l-aktar mertu ghal qalbu huwa d-dar matrimonjali u jiffoka l-provi mressqa minnu fuq dan l-aspett.

Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali in rigward u tiddeciedi li l-hajja matrimonjali tal-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'responsabbilta` ugwali taz-zewg partijiet. Tenut kont tac-cirkostanzi u ai termini tal-Artiklu 52 tal-Kap 16, il-Qorti ma hiex ser tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 kontra ebda wahda mill-partijiet.

**<u>Manteniment</u>**

F'dawn il-proceduri, l-attrici qeghdha titlob manteniment ghaliha nfisha, mentri l-konvenut jikkontendi illi huwa ma ghandux ihallas manteniment, b'mod partikolari minhabba l-fatt illi l-attrici tahdem ghal diversi nies bla ktieb.

Ghalkemm il-konvenut fl-affidavit tieghu a fol 111 jixhed illi pendente lite gie ordnat ihallas l-ammont ta' €120 bhala manteniment ghal martu, fl-affidavit taghha a fol 241, l-attrici tixhed illi huwa qed ihallasha regolarment l-ammont ta' €150 fix-xahar.

Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni John Micallef xehed quddiem il-Perit Legali fil-15 ta' Mejju 2013 u pprezenta kopja tar-*returns* tal-konvenut ghas-snin 2003 sa 2012, flimkien ma' xi *adjustment forms.* L-ahhar *return* li giet ipprezentata hija dik tas-sena 2012, li tindika d-dhul annwali tal-konvenut fl-ammont ta' €17,983. Dan isarraf f'madwar €1498 fix-xahar.

A fol 119, l-attrici tipprezenta dokument mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li juri li bejn it-28 ta' Mejju 2011 u t-2 ta' Awissu 2013 (madwar 26 xahar), hija ppercepiet l-ammont ta' €5,567.24 rapprezentanti beneficcji, *allowances* u pensjonijiet. Dan isarraf f'madwar €214 fix-xahar.

Inoltre quddiem il-Perit Legali xehed ukoll Alfred Pollacco li stqarr illi kemm il-konvenut kif ukoll l-attrici jaghmlulu xi xoghol, u kkwantifika x-xoghol ta'

housekeeping li taghmel l-attrici f'madwar €35 fil-gimgha. Huwa ma kkwantifikax ix-xoghol li jaghmillu l-konvenut. Dan huwa indikattiv tal-fatt li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut jippercepixxi dhul iehor oltre dak li jirrizulta mid-dokumenti ufficjali.

Wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari l-fatt li d-dhul tal-attrici huwa pjuttost baxx, il-fatt li issa ghandha 65 sena, kif ukoll il-fatt illi jirrizulta li ma hijiex intitolata ghall-pensjoni tal-bolla, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici ghandha tirciеvi manteniment minghand il-konvenut.

Rigward il-quantum, wara li qieset il-provi kollha in rigward, il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-abbli Perit Legali u tistabilixxi l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar pagabbli mill-konvenut lill-attrici. Dan huwa l-ammont li skont l-attrici kien qed jithallas lilha mill-konvenut regolarment pendente lite, u l-Qorti ma tarax ragunijiet li fuqhom ghandha tvarja tali ammont, tenut kont ukoll tal-gudizzju fl-intier tieghu.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

*Dar Matrimonjali*

Jirrizulta inkontestat illi d-dar matrimonjali nbniet fuq art parafernali tal-konvenut. Dak li ma hemmx qbil dwaru huwa jekk il-bini tad-dar tlestiex qabel jew wara d-data taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. L-attrici tikkontendi illi dak li kien hemm lest fid-data taz-zwieg kien biss il-pedament u l-kantina, filwaqt li l-konvenut jishaq li d-dar matrimonjali kienet lesta izda mhux abitabbli.

Il-Perit Tekniku kkonkluda fir-rapport tieghu illi fil-gurnata taz-zwieg, ix-xoghol tal-bini kien fl-istat li jidher fir-ritratt Dok RT ipprezentat mill-attrici (fol 322), cioe` bil-pjan terran u erba` filati mill-ewwel sular mibnija. Huwa jasal ghal din il-konkluzjoni abbazi tal-fatt illi kif jirrizulta minn Dok AP3(fol 317), il-permess hareg fit-23 ta' Mejju 1980, u l-fatt li fi kliem il-konvenut stess il-binja hadet sentejn biex tlestiet. Dan ifisser illi tlestiet madwar Mejju 1982. In kwantu l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Dicembru 1981, hija ragjonevoli l-konkluzjoni illi fil-mument taz-zwieg, l-istat tal-binja kienet dik murija f'Dok RT u cioe` bil-pjan terran u erba` filati mill-ewwel sular mibnija.

Bhall-Perit Legali, din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku. Kif tajjeb jikkonkludi l-Perit Legali, mis-somma ta' €37,100 f'benefikati valutata mill-Perit Tekniku, irid jitnaqqas il-valur tal-mano d'opera fl-ammont ta' €3,300 in kwantu ma huwiex kontestat li dawn saru mill-konvenut, b'dan illi <u>l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' sittax-il elf u disa’ mitt ewro (€16,900) rapprezentanti sehemha</u>

minn tali benefikati.

L-attrici ghandha tivvaka l-fond matrimonjali sa mhux iktar tard minn sitt xhur mil-lum. Sad-data li fiha l-attrici tivvaka tali fond, il-kontijiet tad-dawl u ilma u servizzi ohra illi jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet b'mod ugwali.

*Mobbli, ghamara, deheb u oggetti ohra*

Dwar l-ghamara u oggetti ohra mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali, l-Qorti, filwaqt li taqbel mal-Perit Legali li l-provi in rigward huma tassew skarsi, tordna li dawn l-oggetti jinqasmu bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur lill-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza.

*Vetturi*

Jirrizulta qbil bejn il-partijiet illi hemm tliet vetturi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, jew ahjar, Landrover bin-numru ta' registrazzjoni KBL529, Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IAN529 u Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni FUN527. Ma tirrizulta ebda indikazzjoni dwar fuq min hija registrata kull wahda minn dawn il-vetturi. Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti qeghdha tordna illi l-vetturi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti ghandhom jinbieghu u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Kontijiet Bankarji*

B'zieda ma' dak elenkat mill-Perit Legali fir-rapport tieghu, fl-ewwel seduta quddiemu, l-partijiet semmew ukoll xi kontijiet bankarji illi ghandhom f' isimhom, izda naqsu milli jtellghu provi in rigward.

B'referenza ghan-nota pprezentata mill-konvenut fis-7 ta' Dicembru 2016, u l-verbal registrat waqt l-istess udjenza, l-Qorti qed tordna u tiddeciedi illi l-ammont ta' erbat elef, mija u sitta u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€4166.98) li dwaru hemm qbil, jispetta lill-konvenut, filwaqt li l-bqija tal-fondi f'kontijiet bankarji jew investimenti ohra fuq isem xi wahda mill-partijiet jew kongunti, ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

**Spejjez tal-Kawza**

Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut issottomettiet illi l-konvenut ma ghandux jehel spejjez tal-kawza ghax huwa pprova jasal fi ftehim

amikevoli u offra lill-attrici dak li haseb li haqqha bhala sehemha mill-benefikati fuq id-dar matrimonjali, izda kienet hi li riedet izjed. L-abbli difensur tal-attrici jikkontendi li r-rifjut tal-offerta da parti taghha kienet frott il-fatt li l-offerta ma kinitx giusta. Tenut kont ta' dan, kif ukoll tal-fatt illi iz-zewg partijiet instabu responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg f'sehem indaqs, il-Qorti hi tal-fehma illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, hlief ghall-ispejjez tal-perit legali u l-perit tekniku li ghandhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati konformement ma' dak hawn deciz;

1. Tilqa` parzjalment l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghal tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

2. Tilqa` t-tieni talba [markata numru 3 fir-rikors guramentat] u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja,

3. Tilqa` t-tielet talba [markata numru 4] u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'effett mil-lum, u tillikwida u tiddividi l-assi komuni skont dak stabbilit u ordnat taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti'.

4. Tichad ir-raba` talba attrici [markata numru 5].

L-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief dawk relattivi ghar-rapport tal-perit legali, u dak tal-perit tekniku, li ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**